Nru. 17,520
Prezz 64c
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 16 ta' Diċembru, 2003
Tuesday, 16th December, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1170

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,517 u 17,518 tad-9 u tat-12 ta' Diċembru, 2003, rispettivament.

A.L. Nru. 390 ta' l-2003: Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd (Kap. 146); Regolamenti ta' l-2003 għall-Approvazzjoni ta' Proċessuri fis-Settur ta' l-Ipproċessar tal-Prodotti.

A.L. Nru. 391 ta' l-2003: Att ta' l-2003 dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (Att Nru. I ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 392 ta' l-2003: Att ta' l-2002 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali (Att Nru. XXIV ta' l-2002); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 393 ta' l-2003: Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Att Nru. XVI ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 394 ta' l-2003: Att ta' l-2003 biex Jemenda Diversi Liġijiet (Att Nru. IX ta' l-2003); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ dwar emendi fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, Kap. 440.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1170

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,517 and 17,518 of the 9th and the 12th December, 2003, respectively.

L.N. No. 390 of 2003: Agriculture and Fishing Industries (Financial Assistance) Act (Cap. 146); Approval of Processors in the Product Processing Sector Regulations, 2003.

L.N. No. 391 of 2003: Equality for Men and Women Act, 2003 (Act No. I of 2003); Notice of coming into force.

L.N. No. 392 of 2003: International Criminal Court Act, 2002 (Act No. XXIV of 2002); Commencement notice.

L.N. No. 393 of 2003: European Parliament Elections Act, 2003 (Act No. XVI of 2002); Notice of coming into force.

L.N. No. 394 of 2003: Various Laws (Amendment) Act, 2003 (Act No. IX of 2003); Commencement Notice relating to amendments to the Data Protection Act, Cap. 440.

A.L. Nru. 395 ta' l-2003: Att ta' l-2002 dwar il-Proċeduri fil-Qrati u fit-Tribunali (Att Nru. XXXI ta' l-2002); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

L.N. No. 395 of 2003: Courts and Tribunals Procedures Act, 2002 (Act No. XXXI of 2002); Notice of coming into force.

A.L. Nru. 396 ta' l-2003: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); Ordni ta' l-2003 dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili.

L.N. No. 396 of 2003: Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12); The Civil Courts (Establishment of Sections) Order, 2003.

A.L. Nru. 397 ta' l-2003: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); Kodiċi Ċivili (Kap. 16); Regolamenti ta' l-2003 dwar Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja).

L.N. No. 397 of 2003: Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12); Civil Code (Cap. 16); The Civil Court (Family Sections), The Civil Court (General Jurisdiction) and The Court of Magistrates (Gozo) (Superior Jurisdiction) (Family Sections) Regulations 2003.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

16th December, 2003

Nru. 1171

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar is-Sibt, it-13 ta' Diċembru, 2003 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1160 tal-11 ta' Diċembru, 2003 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-15 ta' Diċembru, 2003
(OPM 12/2003 Vol II)

No. 1171

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister on Saturday, 13th December, 2003 and that the arrangements made by Government Notice No. 1160 of the 11th December, 2003, ceased to have effect accordingly.

15th December, 2003

Nru. 1172

ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA (KAP. 204)

Ħatra ta' Deputat Gvernatur

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tal-poteri mogħtija bl-artikolu 8(1) ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap. 204), l-Aġent President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, ħatar lis-Sur David Pullicino, ACIB, biex jagħmilha ta' Deputat Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta għal perijodu ta' ħames snin b'seħħ mill-1 ta' Settembru 2003.

Is-16 ta' Diċembru, 2003
OPM/318/69/III

No. 1172

CENTRAL BANK OF MALTA ACT (CAP. 204)

Appointment of Deputy Governor

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred on him by article 8(1) of the Central Bank of Malta Act (Cap. 204), the Acting President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has appointed Mr David Pullicino, ACIB, as Deputy Governor of the Central Bank of Malta for a period of five years with effect from the 1st September 2003.

16th December, 2003

Nru. 1173

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1173

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Transport and Communications has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	24 - 28.11.2003

Is-16 ta' Diċembru, 2003

16th December, 2003

Nru. 1174

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1174

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Transport and Communications has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Joseph Cachia	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	7 - 11.12.2003

Is-16 ta' Diċembru, 2003

16th December, 2003

Nru. 1175

ATT TA' L-2001 DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-DATA (ATT XXVI TA' L-2001)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru responsabbli għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 48(2) ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Datta (Att Nru. XXVI ta' l-2001) approva l-ħatra ta' Dott. Edward Debono, LL.D. bħala l-President tat-Tribunal ta' l-Appell

No. 1175

DATA PROTECTION ACT, 2001

(ACT NO. XXVI OF 2001)

IT is hereby notified for general information that the Minister responsible for Information Technology and Investment, in accordance with the provisions of article 48(2) of the Data Protection Act, 2001 (Act No. XXVI of 2001) has approved the appointment of Dr Edward Debono, LL.D. as Chairman of the Data Protection Appeals Tribunal and Ms

dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u lis-Sinjura Jennifer Cassingena Harper u s-Sur George Sammut bħala memberi ta' l-istess Tribunal għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-15 ta' Diċembru 2003. Is-Sur Joe Bartolo ġie appuntat bħala segretarju skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 48(8) ta' l-Att.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

Nru. 1176

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Arkitetti u Inġiniera Ċivili

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuni msemmija hawn taħt ġew nominati fuq il-*panel* ta' Arkitetti u Inġiniera Ċivili għal perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2004 u l-31 ta' Diċembru, 2004 jew dak il-perjodu iqsar, li jista' jiġi deċiż minn Bord appuntat għall-istess għan.

Ms Annamaria Attard Montaldo, B.E. & A., A. & C.E.
Is-Sur Joseph Bondin, B.E. & A. (Hons), A. & C.E.
Is-Sur Dennis H. Micallef, Eur. Ing., A. & C.E.
Is-Sur Albert Cauchi, Eur. Ing., A. & C.E.
Is-Sur J.P. Dimech, A. & C.E.
Is-Sur Robert Fenech, B.E. & A. (Hons), A. & C.E.
Is-Sur Renato La Ferla, B.E. & A., A. & C.E.
Is-Sur Lawrence Montebello, A. & C.E.
Is-Sur Edward Scerri, B.E. & A., A. & C.E.
Is-Sur Joseph J Xuereb, B. Arch., F.I. Arb., A. & C.E.
Is-Sur Anton Zammit, B.E. & A. (Hons), A. & C.E.
Is-Sur Dione Buhagiar, A. & C.E.
Is-Sur Richard Aquilina, A. & C.E.
Is-Sur Guido Vella, A. & C.E., B. Arch.
Is-Sur Alan Saliba, A. & C.E.
Is-Sur Anthony Bailey, B.E. & A. (Hons), M.Eng. (U.W.O.) A.& C.E.
Is-Sur Felix Sciberras, B.E. & A., A. & C.E.
Is-Sur David Pace, A. & C.E.
Is-Sur Rene Buttigieg, B.E. & A., A. & C.E.
Is-Sur Godfrey Vella Baldacchino, A. & C.E.
Is-Sur Andrew Ellul, B.E. & A. (Hons), A. & C.E.
Is-Sur Carmel Bonanno, B.E. & A. (Hons), A. & C.E.
Is-Sur Joseph M. Jaccarini, A. & C.E.
Is-Sur Paul Micallef, A. & C.E.
Is-Sur Frederick Doublet, A. & C.E.
Is-Sur Michael A. Refalo, A. & C.E.
Is-Sur Carmel Cacopardio, B.E. & A., A. & C.E.

It-12 ta' Diċembru, 2003
MJ/350/2002

Jennifer Cassingena Harper and Mr George Sammut as members for a period of three years with effect from 15 December 2003. Mr Joe Bartolo has been appointed to act as secretary in accordance with the provisions of article 48(8) of the Act.

16th December, 2003

No. 1176

CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Architects and Civil Engineers

IT is notified for general information that the persons mentioned hereunder have been nominated on the panel of Architects and Civil Engineers for the period from 1st January, 2004 to 31st December, 2004 or such lesser term as may be decided by such Board to be appointed for such purpose.

Ms Annamaria Attard Montaldo, B.E. & A., A. & C.E.
Mr Joseph Bondin, B.E. & A. (Hons), A. & C.E.
Mr Dennis H. Micallef, Eur. Ing., A. & C.E.
Mr Albert Cauchi, Eur. Ing., A. & C.E.
Mr J.P. Dimech, A. & C.E.
Mr Robert Fenech, B.E. & A. (Hons), A. & C.E.
Mr Renato La Ferla, B.E. & A., A. & C.E.
Mr Lawrence Montebello, A. & C.E.
Mr Edward Scerri, B.E. & A., A. & C.E.
Mr Joseph J Xuereb, B. Arch., F.I. Arb., A. & C.E.
Mr Anton Zammit, B.E. & A. (Hons), A. & C.E.
Mr Dione Buhagiar, A. & C.E.
Mr Richard Aquilina, A. & C.E.
Mr Guido Vella, A. & C.E., B. Arch.
Mr Alan Saliba, A. & C.E.
Mr Anthony Bailey, B.E. & A. (Hons), M.Eng. (U.W.O.) A.& C.E.
Mr Felix Sciberras, B.E. & A., A. & C.E.
Mr David Pace, A. & C.E.
Mr Rene Buttigieg, B.E. & A., A. & C.E.
Mr Godfrey Vella Baldacchino, A. & C.E.
Mr Andrew Ellul, B.E. & A. (Hons), A. & C.E.
Mr Carmel Bonanno, B.E. & A. (Hons), A. & C.E.
Mr Joseph M. Jaccarini, A. & C.E.
Mr Paul Micallef, A. & C.E.
Mr Frederick Doublet, A. & C.E.
Mr Michael A. Refalo, A. & C.E.
Mr Carmel Cacopardio, B.E. & A., A. & C.E.

12th December, 2003

Nru. 1177

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Inġiniera

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuni msemmija hawn taħt ġew nominati fuq il-*panel* ta' Inġiniera għal perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2004 u l-31 ta' Diċembru, 2004 jew dak il-perjodu iqsar, li jista' jiġi deċiż minn Bord appuntat għall-istess għan.

Is-Sur Jeffrey Desira, B. Mech., Eng. (Hons)
Is-Sur Raymond Zammit, B.Sc. (Eng), Eur. Ing.
Is-Sur John B. Cassar, D.F.H. (Hons), C. (Eng), M.I.E.E.
Is-Sur Horace S. Fenech, Ing. Tecnico
Is-Sur Raymond Vassallo, B. (Mech), Eng. (Hons)
Is-Sur Emanuel A. Muscat, Dip. Eng. M.Sc.
Is-Sur Mario Schembri, B. Elec., Eng. (Hons)
Is-Sur Anthony Cachia, B. Mech., Eng. (Hons)
Is-Sur Julian Dimech, B. (Mech), Eng. (Hons)
Is-Sur Anthony Restall, B.Sc. (Eng) (Hons), Eur. Ing.
Is-Sur Joseph A. Muscat, B.Sc. (Eng) (Hons)

It-12 ta' Diċembru, 2003
MJ/351/2002

No. 1177

CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Engineers

IT is notified for general information that the persons mentioned hereunder have been nominated on the panel of Engineers for the period from 1st January, 2004 to 31st December, 2004 or such lesser term as may be decided by such Board to be appointed for such purpose.

Mr Jeffrey Desira, B. Mech., Eng. (Hons)
Mr Raymond Zammit, B.Sc. (Eng), Eur. Ing.
Mr John B. Cassar, D.F.H. (Hons), C. (Eng), M.I.E.E.
Mr Horace S. Fenech, Ing. Tecnico
Mr Raymond Vassallo, B. (Mech), Eng. (Hons)
Mr Emanuel A. Muscat, Dip. Eng. M.Sc.
Mr Mario Schembri, B. Elec., Eng. (Hons)
Mr Anthony Cachia, B. Mech., Eng. (Hons)
Mr Julian Dimech, B. (Mech), Eng. (Hons)
Mr Anthony Restall, B.Sc. (Eng) (Hons), Eur. Ing.
Mr Joseph A. Muscat, B.Sc. (Eng) (Hons)

12th December, 2003

Nru. 1178

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Joseph Henry Saydon, LL.D., bħala Nutar Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Peter Alexander Vella, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill-25 ta' Novembru, 2003 għal żmien indefinit.

John Muscat
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

L-10 ta' Diċembru, 2003

No. 1178

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Joseph Henry Saydon, LL.D., to be Notary Keeper for Notary Dr Peter Alexander Vella, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 25th November, 2003 for an indefinite period of time.

John Muscat
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

10th December, 2003

Nru. 1179

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 1179

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 357	Shawn Farrugia	Orchidea Stationery and Bookshop 29, St Francis Xavier Birżebbuġa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47	10.12.03
CD/3209/2003 Pt 515	Josephine Mercieca	Island Real Estate 106, St Ursula Street Victoria Gozo	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	70	10.12.03
CD/3209/2002 Pt 303	Patrick Xuereb	Patrick's Woodworks New Street Ħandaq Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.1	10.12.03

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 483	Carmel Bezzina	Bezzina Auto Dealer Msida Road St Venera	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.1	10.12.03
CD/3209/2003 Pt 455	Kenneth Gauci Borda	Berger Paints (Malta) Ltd HF66 Industrial Estate Hal Far	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	24	10.12.03
CD/3209/2003 Pt 451	Ronald Carbonaro	Cosmoline Ltd New Street off Fort Road Mosta	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	24	10.12.03
CD/2003/2003 Pt 484	Brian Tabone	Stop and Buy Auto Dealer 28B, Triq Tas-Sliema Gżira	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	50.1	10.12.03

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

16th December, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 104

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ħadd, il-21 ta' Diċembru 2003, bejn l-10.00 a.m. u l-5.30 p.m. minn Triq Schembri minn kantuniera ma' Triq Mile End sa kantuniera ma' Triq Alexander, Triq Alexander u Triq Mile End minn kantuniera ma' Triq Schembri sal-fabbrika tal-Malta Dairy Products.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

POLICE NOTICE

No. 104

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the date and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Ħamrun

On Sunday, 21st December 2003, between 10.00 a.m. and 5.30 p.m. through Triq Schembri from corner with Triq Mile End up to corner with Triq Alexander, Triq Alexander and Triq Mile End from corner with Triq Schembri, up to the factory of the Malta Dairy Products.

16th December, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 63 ta' l-2003

Malta Euromed Championship –
San Pawl il-Baħar/Mellieħa

Il-Malta Young Sailors Club qed jorganizza l-Euromed Regatta bejn is-17 ta' Diċembru, 2003 u l-21 ta' Diċembru, 2003.

Ir-regatta se ssir San Pawl il-Baħarċil-Bajja tal-Mellieħa jekk ikun jippermetti t-temp fil-ġurnata. Żewġ postijiet intgħażlu għar-Regatta imma post wieħed biss se jintuża, skond il-kundizzjonijiet tat-temp. Se jitpoġġew bagi f'ċirku b'raġġ ta' 500 metru u ċentrat fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

		Latitude (T)	Longitude (L)
St Paul's Bay	A	35°57'97	14°25'12
Mellieha Bay	B	35°58'99	14°23'20

Ir-regatta tibda fl-10.00 a.m. u tintemm fil-5.00 p.m. f'kull waħda mid-dati msemmija hawn fuq. Wieħed għandu jinnota illi l-post fejn se ssir it-tiġrija jista' jitressaq iżjed 'il ġewwa fil-bajja f'każ ta' maltemp.

Minħabba dan imsemmi hawn fuq, baħħara huma mgħarrfa biex joqogħdu attenti meta jkunu qed ibaħħru viċin l-inħawi msemmija hawn fuq, u jżommu 'l bogħod mill-inħawi msemmija hawn fuq.

Parti minn BA *Chart* 195 f'paġna 14,483.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 63 of 2003

Malta Euromed Championship –
St Paul's Bay/Mellieħa

The Malta Young Sailors Club is organising the Euromed Regatta between the 17th December, 2003 and 21st December, 2003.

The regatta will be held at St Paul's BayċMellieha Bay weather permitting on the day. Two areas have been earmarked for the regatta but only one area will be used, depending on the weather conditions. Buoys will be placed inside a circle of radius of 500 metres and centered in the following positions:


		Latitude (N)	Longitude (E)
St Paul's Bay	A	35°57'97	14°25'12
Mellieha Bay	B	35°58'99	14°23'20

The regatta will commence at 10.00 a.m. and finishes at 5.00 p.m. on each of the above mentioned dates. It is to be noted that the race area may be moved further inside the bay in case of adverse weather conditions.

In view of the above, mariners are advised to keep a sharp lookout when navigating close to to the above-mentioned areas, and to give a wide berth to the areas mentioned above.

Part of BA Chart 195 on page 14,483.

16th December, 2003



©British Crown Copyright 1978, 1983, 1986, 1988, 1995, 2000.
All rights reserved

The UK Hydrographic Office makes the accompanying data available to Malta Maritime Authority under the terms and conditions of agreement HO 1427/080930/01.

DISCLAIMER

Whilst the UK Hydrographic Office has endeavoured to ensure that the material supplied is suitable for the purpose described, it accepts no liability (to the maximum extent permitted by law) for any damage or loss of any nature arising from its use. The material supplied is used entirely at the Recipient's own risk.

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Nru. 7

Għajnuna Finanzjarja għall-Persuni b'Diżabilità għax-Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom

B'riferenza għall-Iskema Numru 7 - Għajnuna Finanzjarja għall-Persuni b'Diżabilità għal-Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel dawn l-emendi:-

1. Iżżid din is-sub-klawsola fl-aħħar ta' Klawsola 5:-

(v) il-valur tal-proprjetà li fuqha qiegħda tintalab l-għajnuna teċċedi l-Lm100,000.

2. Iżżid is-segwenti sub-klawsola fil-bidu ta' Klawsola 11:-

(i) Perċentaġġ ta' Għajnuna

L-għajnuna fi flus tkun ibbażata skond l-iskeda segwenti:-

Ammont ta' Assi Lm	Perċentaġġ ta' Għajnuna
0,000 sa 5,000	100%
5,001 sa 7,5000	50%
7,501 sa 10,000	25%
10,001 u aktar	Xejn

Din it-tabella tapplika biss fil-każ ta' talba għall-installazzjoni ta' *stairlift/lift*. *Lifts* fi blokki ta' appartamenti proprjetà ta' l-applikanti ma jiġux ikkunsidrati taħt din l-iskema.

3. Iżżid din is-sub-klawsola fl-aħħar ta' Klawsola 11 (ċ):-

(iii) jekk issir applikazzjoni għal installar ta' *lift* ġo fond proprjetà ta' l-applikant.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

HOUSING AUTHORITY

Scheme No. 7

Financial Aid to Persons with a Disability for Adaptation Works Related to their Disability in Residences Occupied by Them

With reference to Scheme Number 7 - Financial Aid to Persons with a Disability for Adaptation Works Related to their Disability in Residences Occupied by Them - published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority is effecting the following amendments:-

1. add the following Sub-Clause at the end of Clause 5:-

(v) the value of the property, in respect of which the application is made, exceeds Lm100,000.

2. add the following Sub-Clause at the beginning of Clause 11:-

(i) Percentage of Adaptation Cash Assistance

The adaptation cash assistance shall be based according to the following schedule

Amount of Assets Lm	Percentage of Grant
0,000 to 5,000	100%
5,001 to 7,500	50%
7,501 to 10,000	25%
10,001 and over	Nil

This table applies only for requests received for the installation of a stairlift/lift. Lifts installations in privately owned residential units will not be approved under this scheme.

3. add the following Sub-Clause at the end of Clause 11 (c):-

(iii) in cases of applications for lift installation in privately owned premises.

16th December, 2003

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Sebgħa

Għajnuna Finanzjarja għall-Persuni b'Diżabilità għal-Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom

B'riferenza għall-Skema Numru Sebgħa - Għajnuna Finanzjarja għall-Persuni b'Diżabilità għall-Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju, 2004.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

HOUSING AUTHORITY

Scheme Number Seven

Financial Aid to Persons with a Disability for Adaptation Works Related to Their Disability in Residences Occupied by Them

With reference to Scheme Number Seven - Financial Aid to Persons with a Disability for Adaptation Works Related to their Disability in Residences Occupied by Them - published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 30th June 2004.

16th December, 2003

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Ħamsa

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Privati li Huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti Skema 1999

B'riferenza għall-Skema Numru Ħamsa - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Irranġar fi Djar Privati li Huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju, 2004.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

HOUSING AUTHORITY

Scheme Number Five

Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis - Scheme 1999

With reference to Scheme Number Five - Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis - published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 30th June 2004.

16th December, 2003

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema "Y"

Sussidju ta' Mgħax fuq Self għad-Djar 1999

B'riferenza għall-Skema "Y" - Sussidju ta' Mgħax fuq Self għad-Djar - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta'

HOUSING AUTHORITY

Scheme Y

Subsidy on Interest on House Loans (Private Sector) 1999

With reference to Scheme Y - Subsidy on Interest on House Loans (Private Sector) - published in the Government Gazette

Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju, 2004.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema X

Skema għax-Xiri u għal Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib ta' Djar Privati

B'riferenza għall-Skema X - Skema għax-Xiri u għax-Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib ta' Djar Privati - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju, 2004.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema W

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern

B'riferenza għall-Skema W - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ġunju 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju, 2004.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Z

Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien1999

B'riferenza għall-Skema Z - Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati

of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 30th June 2004.

16th December, 2003

HOUSING AUTHORITY

Scheme X

Private Dwellings Houses (Purchase and Improvements)

With reference to Scheme X - Private Dwellings Houses (Purchase and Improvements) - published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 30th June 2004.

16th December, 2003

HOUSING AUTHORITY

Scheme W

Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings

With reference to Scheme W - Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings - published in the Government Gazette of the 11th June 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 30th June 2004.

16th December, 2003

HOUSING AUTHORITY

Scheme Z

Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings

With reference to Scheme Z - Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings - published in

minn Sidien 1999 - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju, 2004.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema R

Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati

B'riferenza għall-Skema R - Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata l-15 ta' Frar 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju, 2004.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 30th June 2004.

16th December, 2003

HOUSING AUTHORITY

Scheme R

Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings

With reference to Scheme R - Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings - published in the Government Gazette of the 15th February 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 30th June 2004.

16th December, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Case Worker* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern biex Jaqdu Dmirijiet fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Refuġjati

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex jimtlew ta' pożizzjonijiet ta' *Case Worker* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern biex jaqdu dmirijiethom tagħhom fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Refuġjati.

2.1. Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Case Worker* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern biex jaqdu dmirijiethom fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Refuġjati, liema kuntratt jista' jiġġedded għall-perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Case Worker* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi huma jżommu l-grad sustantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux Uffiċjali Pubbliċi, is-servizz tagħhom mal-Ministeru tal-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Case Worker in the Ministry for Justice and Home Affairs to Perform Duties at the Office of the Commissioner for Refugees

The Public Service Commission invites applications for the positions of Case Worker in the Ministry for Justice and Home Affairs to perform duties at the Office of the Commissioner for Refugees.

2.1. The selected candidates will be expected initially to enter into a three-year performance contract as Case Worker in the Ministry for Justice and Home Affairs to perform duties at the Office of the Commissioner for Refugees, which may be renewed thereafter for further three-year periods subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Case Worker during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the appointee is not a public officer, his/her service with the Ministry for Justice and Home

Ġustizzja u l-Intern kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi, u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 10, huma jkunu meħtieġa li jirrinunzjaw id-dmirijiet ta' *Case Worker* u jkunu trasferiti għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħhom. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 10 permezz ta' *progression*, il-persuni jitħallew ikomplu l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħhom kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma jiġux offruti tiġdid tal-kuntratt.

3. Persuni fil-pożizzjoni ta' *Case Worker* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern ikollhom salarju ekwivalenti għal massimu ta' Skala 10 (bħalissa Lm6,285 fis-sena). F'każ li l-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.1. Il-persuni magħżula jistgħu jagħżlu li jaħdmu fuq bażi *part time*, jiġifieri minimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa. F'dan il-każ, il-persuni magħżula jitħallsu fuq bażi *pro rata*.

3.2. Il-persuni magħżula, sew *full time* jew *part time*, jistgħu jkunu mitluba jaħdmu sigħat flessibbli skond l-esiġenzi ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Refuġjati, u jekk ikun hemm il-bżonn jintalbu sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom fil-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

4. Id-dmirijiet ta' persuni fil-pożizzjoni ta' *Case Worker* jinkludu:

a) mili ta' formoli ta' applikazzjoni;
b) intervisti lill-persuni li qed jitolbu stat ta' asil;
ċ) twettiq ta' riċerki u evalwazzjoni neċessarja;
d) qadi ta' dmirijiet oħra fl-uffiċċju bħaż-żamma ta' *records*, *data* u statistika ta' l-applikanti għall-asil.

5. Il-persuni magħżula jkunu meħtieġa jattendu perjodu qasir ta' taħriġ fuq materji ta' asil.

6. L-applikanti għandhom:-

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) ikunu persuni li juru dispożizzjoni matura lejn nies li qed jitolbu l-asil;

ċ) ikollhom *degree* rikonoxxuta fil-Psikoloġija, Studji Legali, Studji Soċjali jew oqsma oħra relatati;

Affairs as well as with Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3. If, the selected candidate is a Public Officer and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 10, he/she will be required to relinquish the duties of Case Worker and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 10 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The position of Case Worker in the Ministry for Justice and Home Affairs attracts a salary equivalent to the maximum point of Salary Scale 10 (currently Lm6,285). In the case that the selected candidate is a Public Officer, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position, will be paid as a non-pensionable allowance.

3.1. Selected applicants could also choose to work on a part-time basis, that is a minimum of 20 hours per week. Such appointees will be renumerated on a pro-rata basis.

3.2. Selected applicants, whether full-time or part-time, may have to be flexible in their time-table according to the exigencies of the Office of the Commissioner for Refugees, and will be required if necessary to perform such duties during normal office hours.

4. The duties of a Case Worker include:

a) filling applications forms;
b) interviewing asylum seekers;
c) executing the necessary research and evaluation;
d) assisting in other office duties such as maintaining updated records, data and statistics in respect of asylum seekers.

5. Selected applicants will be required to undergo a short period of training in asylum matters.

6. Applicants for the position must be:

a) citizens of Malta;

b) persons who demonstrate a mature disposition towards asylum seekers;

c) in possession of a first degree in Psychology, Legal Studies, Social Studies or an appropriate equivalent qualification;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record Form*; applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7. Fin-nuqqas ta' applikanti taħt paragrafu 6 ċ) jiġu kkunsidrati applikanti li għandhom *degree* f'qasam ieħor akkademiku.

8. Fin-nuqqas ta' applikanti taħt paragrafu 6 ċ) u 7 ikunu kkunsidrati wkoll applikanti li jkollhom livell anqas ta' kwalifiki akkademiċi imma li jkunu ġew ikkunsidrati kapaċi li jibbenefikaw mill-perjodu ta' taħriġ, kif imsemmi f'paragrafu 5.

9. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li:

a) ikollhom għarfien tajjeb tal-kunċett dwar ir-refuġjati;
b) ikollhom dispożizzjoni tajba lejn min qed jitlob asil;
ċ) huma lesti li jiltaqgħu u jaħdmu ma' persuni ta' nazzjonalitajiet u kulturi differenti (u jafu bil-ħtieġa li tiġi evitata distinzjoni jew preferenzi kulturali);
d) għandhom kapaċità ta' komunikazzjoni ma' ħaddieħor;
e) kapaċi jużaw il-kompjuter;
f) huma kapaċi jaħdmu taħt pressjoni;
ġ) li jħobbu jaħdmu f'*team;* u
ħ) li jafu jitkellmu bl-Għarbi u/jew bil-Franċiż.

10. Bord ta' Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

11. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuni jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

12. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

13. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Il-*Public Service Management Code* tista' tiġi aċċessata fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-

d) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. In the absence of suitable applicant/s who are in possession of a qualification under paragraph 6 c), applications from holders of a first degree in another discipline will be considered.

8. In the absence of suitable applicants who are in possession of the qualifications under paragraph 6 c) or under paragraph 7, applicants having lower levels of qualifications and who are judged to be capable of benefitting from the training course referred to in paragraph 5 above, will also be considered.

9. Due consideration will be given to applicants who:

a) have a good understanding of the refugee concept;
b) have a good disposition towards asylum seekers;
c) are motivated to meet and work with people of different nationalities and cultures (and are aware of the need to avoid cultural distinctions or preferences);
d) have good interpersonal and communication skills;
e) are computer literate;
f) are able to work well under pressure;
g) like to work in a team; and
h) are fluent in Arabic and/or French languages.

10. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

12. The selected candidates will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

13. On engagement, the selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address:- http://www.mpo.gov.mt.

14. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director, Corporate Services, Ministry

Ġustizzja u l-Intern, Casa Leoni, 476, Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta Venera sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Jannar 2004.

15. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, Casa Leoni, 476, Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta Venera.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa +356-2148 5118).

17. a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment.

b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-datata' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-ServizziKorporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern.

Is-16 ta' Diċembru, 2003

